

32003R0430

L 65/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.3.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 430/2003****tas-7 ta' Marzu 2003****li jistabbilixxi rifużjoni fuq l-esportazzjoni ta' zokkor abjar u zokkor mhux raffinat mingħajr aktar proċessar.**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 rigward l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 680/2002<sup>(2)</sup>, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 27(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 jipprovdi li d-differenza bejn il-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet fis-suq dinji għall prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) ta' dan ir-Regolament u prezzijiet għal dawk il-prodotti ġewwa l-Komunità jistgħu jkunu koperti b'rifużjoni ta' l-esportazzjoni.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1260/2001 jipprovdi li meta rifużjoni fuq zokkor abjad jew zokkor mhux maħdun, li ma jkunx denaturizzat u esportat mingħajr aktar proċessar, ikunu jiġu stabbiliti, akkont għandu jittieħed tas-sitwazzjoni fil-Komunità u fis-swieq dinjija taz-zokkor, u partikolarment tal-prezz u l-fatturi tal-ispiża kif stabbiliti fl-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament. L-istess Artikolu jipprovdi li l-aspett ekonomiku ta' l-esportazzjoni pproponuta għandu wkoll ikun meqjus.
- (3) Ir-rifużjoni fuq zokkor mhux maħdun għandha tkun stabbilita fir-rigward tal-kwalità standard. Din ta' l-aħħar hija definita fl-Anness, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001. Aktar minn hekk, din ir-rifużjoni għandha tkun stabbilita b'konformità ma' l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001. Iz-zokkor tal-ħelu huwa definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2135/95 tas-7 ta' Settembru 1995 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-għoti ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni fis-settur taz-zokkor<sup>(3)</sup>. Ir-rifużjoni hekk ikkalkolata għal zokkor li jkun fih żieda ta' materji ta' toġhma jew tal-kulur għandha tkun tapplika għall-kontenut tas-sukrożju fihom u, għalhekk, għandha tkun stabbilita għal kull 1 % ta' l-imsemmi kontenut.
- (4) F'każi speċjali, l-ammont ta' rifużjoni jista jkun stabbilit bi strumenti legali oħrajn.

- (5) Ir-rifużjoni tista tkun stabbilita kull ġimgħatejn. Din tista tkun mibdula matul dan il-perijodu.
- (6) L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 27(5) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 jipprovdi li r-rifużjoni fuq il-prodotti referuti fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament tista tvarja skond id-destinazzjoni, meta s-siwazzjoni fis-suq dinji jew il-ħtiġiet speċifiċi ta' ċerti swieq jgħamlu li dan ikun meħtieġ.
- (7) Żieda sinifikanti u mgħaġġla fl-importazzjoni preferenzjali taz-zokkor mill-pajjiżi tal-Balkani tal-punent sa mill-bidu tal-2001 u fl-esportazzjoni ta' zokkor lejn dawk il-pajjiżi mill-Komunità, tidher li hija ferm artifiċjali fin-natura.
- (8) Sabiex ikunu pprevenuti xi abbużi assoċjati ma l-importazzjoni mill-ġdid fil-Komunità tal-prodotti fis-settur taz-zokkor li jkunu kkwalifikaw għar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni, rifużjoni fuq il-prodotti koperti b'dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu stabbiliti għall-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-punent.
- (9) In vista ta' dan ta' hawn fuq u tas-sitwazzjoni preżenti fis-suq taz-zokkor, u partikolarment tal-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet għaz-zokkor ġewwa l-Komunità u fis-suq dinji, rifużjoni għandha tkun stabbilita fl-ammonti xierqa.
- (10) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-Zokkor ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rifużjoni li għandha tkun mogħtija fuq l-esportazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001, mhux-denaturizzat u mingħajr aktar proċessar, huma b'hekk stabbiliti b'konformità ma l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 178, tat-30.6.2001, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 104, ta' l-20.4.2002, p. 26.

<sup>(3)</sup> ĠU L 214, tat-8.9.1995, p. 16.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Marzu 2003.

*Għall-Kummissjoni*  
 Franz FISCHLER  
*Membru tal-Kummissjoni*

L-ANNESS

**RIFUŻJONI FUQ ZOKKOR ABJAD U ZOKKOR MHUX RAFFINAT ESPORTAT MINGĦAJR AKTAR PROĊESSAR**

Kodiċi tal-prodott	Destinazzjoni	Unità tal-kejl	Ammont ta' rifużjoni
1701 11 90 9100	S00	EUR/100 kg tal-prodott nettkg	40,25 <sup>(1)</sup>
1701 11 90 9910	S00	EUR/100 kg tal-prodott nettkg	40,25 <sup>(1)</sup>
1701 12 90 9100	S00	EUR/100 kg tal-prodott nettkg	40,25 <sup>(1)</sup>
1701 12 90 9910	S00	EUR/100 kg tal-prodott nettkg	40,25 <sup>(1)</sup>
1701 91 00 9000	S00	EUR/1 % ta' sukkrożju × 100 kg tal-prodott nett	0,4375
1701 99 10 9100	S00	EUR/100 kg tal-prodott nettkg	43,75
1701 99 10 9910	S00	EUR/100 kg tal-prodott nettkg	43,75
1701 99 10 9950	S00	EUR/100 kg tal-prodott nettkg	43,75
1701 99 90 9100	S00	EUR/1 % ta' sukkrożju × 100 kg tal-prodott nett.	0,4375

NB: Il-kodiċi tal-prodott u l-kodiċi tad-destinazzjoni serje "A" huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p. 1).

Il-kodiċi numeriċi tad-destinazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2020/2001 (ĠU L 273, tas-16.10.2001, p. 6).

Id-destinazzjonijiet l-oħrajn huma:

S00: id-destinazzjonijiet kollha (pajjiżi terzi, territorji oħrajn, proviżjon u destinazzjonijiet ittrattati bħala esportazzjoni mill-Komunità) bl-eċċezzjoni ta' l-Albanija, l-Kroazja, il-Bosnja u Herżegovina, is-Serbja u l-Montenegro (inkluż il-Kosovo, kif definit fir-Reżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-NU Nru 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999) u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, apparti milli għaz-zokkor inkorporat fil-prodotti referuti fl-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 (ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 29).

<sup>(1)</sup> Dan l-ammont huwa applikabbli għal zokkor mhux maħdum b'rendiment ta' 92 %. Meta r-rendiment għal zokkor mhux maħdum esportat jiddifferixxi minn 92 %, l-ammont ta' rifużjoni applikabbli għandu jkun ikkalkolat b'konformità ma l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001.